MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru. 566/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**AL SALEH KASEM**
**MAHER HAMED**

Il- Qorti,

Rat l- imputazzjonijiet li permezz taghhom Al Saleh Kasem ta’ 26 sena, iben Sami u Fatima nee’ Ali, imwieled Homs Syria, fl-20 ta’ Settembru, 1985 u residenti gewwa 123, Triq Hookham Frere, Gwardamangia, Tal-Pieta. ID 74630(A).

U

Maher Hamed ta’ 18-il sena, iben Hamed Hamed u Hatun Alawi nee’ El Mouhammed, imwieled Homs Syria, fit-30 ta’ Jannar, 1994, u residenti gewwa My Nest Fl 1, Triq il-Parrocca, Sta. Venera. Dokument ta' Identifikazzjoni Nru1931 BB nru personali 12279/11.

Gew akkuzati talli nhar it-28 ta' Mejju 2012 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu gewwa Attard u fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:-

1. Bil- hsieb li jaghmlu delitt ta' feriti gravissima fuq il- kuntistabli Robert Vassallo (persuna inkarigata skond il- ligi minn servizz pubbliku), urew dan il- hsieb b' atti esterni u taw bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mil-volonta' taghhom.

2. Talli attakaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra il-kuntistabbli Robert Vassallo, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill- awtorita' kompetenti;

3. Talli ingurja, hedded jew ghamel offiza (ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. M. Spiteri M. D. (Reg. No. 2866) mil- isptar Mater Dei) fuq il- kuntistabbli Robert Vassallo, persuna inkarigata skond il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil- hsieb li jbezzghu li jinfluwixxi fuq kontra il- ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

4. Talli volontarjament hassru, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlu hsara fil- mutur tal- Pulizija tal- ghamla BMW bin-numru ta Registrazzjoni GVP380 gha-dannu tal- Gvern ta'

Malta, liema hsara ma tkunx tiskorri l- elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma tkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

5. Talli garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni taghhom xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhom licenzja jew permess minghand il-Kummissarju;

6. Talli m'obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixkluh waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;

Gie akkuzat ukoll Al Salem Kasem wahdu talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi f' Attard u fi nhawi ohra f'dawn il-gzejjer;

7. Saq vettura ta' l-ghamla Mazda bin numru ta' registrazzjoni AAM857 minghajr ma kellu licenza tas-sewqan mill-awtorita' dwar it-trasport ta' Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura;

8. Talli saq vettura ta' l-ghamla Mazda bin numru ta' registrazzjoni AAM857 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji ghal-terzi persuni;

9. Talli saq motor-car vettura ohra ta' l-ghamla Mazda bin numru ta' registrazzjoni AAM857 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;

10. Saq vettura ta' l-ghamla Mazda bin numru ta' registrazzjoni AAM857 u ecceda il-limitu ta' velocita' skond il-ligi.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 17 ta’ Settembru, 2012 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Al Saleh Kasem l-artikoli 17, 31, 533, 41(1)(a), 218, 95, 96, 325 u 338(ee) tal-Kap. 9, l-artikolu 6 tal-Kap. 480, l-artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3) u 32 tal-Kap. 65, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 u r-Regolament 127 tal-Avviz Legali 65.11.

Issib lill-imputat Al Saleh Kasem fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Al Saleh Kasem ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tletin centezmi ta' Ewro (Ewro 2329.37) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Al Saleh Kasem jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Al Saleh Kasem milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

Rat fil-konfront tal-imputat Maher Hamed l-artikoli 17, 31, 533, 41(1)(a), 218, 95, 96, 325 u 338(ee) tal-Kap. 9 u l-artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Maher Hamed, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Maher Hamed ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Maher Hamed jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputati Al Saleh Kasem u Maher Hamed sabiex fi zmien ghaxar (10) tijiem millum ihallsu lir-Registratur tal-Qrati fi kwoti ndaqs bejniethom is-somma ta' tmien mija u wiehed u erbghin Ewro u wiehed u disghin centezmi ta' Ewro (Ewro 841.91) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina tal-Perit Tekniku Mario Buttigieg fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Al Saleh Kasem u Maher Hamed l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------